



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

3 ta' Marzu 2022\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali – Direttiva 2005/36/KE – Kamp ta' applikazzjoni – Kundizzjonijiet għall-ksib tad-dritt ta' eżerċizzju awtonomu tal-professjoni ta' tabib fl-Istat Membru ospitanti – Diploma maħruġa fl-Istat Membru ta' oriġini – Limitazzjoni tad-dritt ta' eżerċizzju tal-professjoni ta' tabib għal perijodu ta' tliet snin – Superviżjoni ta' tabib awtorizzat u segwitu konkomitanti tat-taħriġ speċjalizzat fil-mediċina ġenerali għal perijodu ta' tliet snin – Artikoli 45 u 49 TFUE”

Fil-Kawża C-634/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Finlandja), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Novembru 2020, fil-proċedura mibdija minn

**A**

fil-preżenza ta'

**Sosiaali- ja terveysalan lupa- ja valvontavirasto,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn I. Ziemele, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, u A. Kumin, Imħallef,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għall-Gvern Finlandiż, minn M. Pere, bħala aġent,
- għall-Gvern Norveġiż, minn I. Meinich, K.S. Borge u T. Sunde, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Huttunen, L. Armati u T. Sevón, bħala aġenti,

\* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

### **Sentenza**

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 u 49 TFUE.
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura mibdija minn A dwar id-deċiżjoni tas-Sosiaali- ja terveysalan lupa- ja valvontavirasto (l-Uffiċċju ta' Awtorizzazzjoni u ta' Superviżjoni fil-Qasam Soċjali u tas-Saħħa, il-Finlandja) (iktar 'il quddiem il-“Valvira”) li jagħti lil A d-dritt li teżerċita fil-Finlandja, għal perijodu ta' tliet snin, il-professjoni ta' tabib bħala professjonista awtorizzata, taħt id-direzzjoni u s-superviżjoni ta' tabib awtorizzat jeżerċita din il-professjoni b'mod indipendenti.

### **Il-kuntest ġuridiku**

#### ***Id-dritt tal-Unjoni***

- 3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professionali (ĠU 2005, L 255, p. 22, rettifiki fil-ĠU 2007, L 271, p. 18, fil-ĠU 2008, L 93, p. 28, u fil-ĠU 2014, L 305, p. 115), kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU 2013, L 354, p. 132) (iktar 'il quddiem id-“Direttiva 2005/36”), intitolat “Għan”, jipprevedi:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli skond liema Stat Membru li jissoġġetta l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fit-territorju tiegħu għall-kondizzjoni ta' pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi (minn hawn il quddiem imsejħa “l-Istat Membru ospitanti”) għandu jirrikonoxxi kwalifiki professjonali miksuba fi Stat Membru jew aktar (minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Istat Membru ta' l-orijini”) u li jippermettu li persuna li jkollha daww il-kwalifiki teżerċita l-istess professjoni hemmhekk, għal aċċess għal u eżerċizzju ta' dik il-professjoni.

Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli li jikkonċernaw l-aċċess parzjali għal professjoni regolata u r-rikonoxximent ta' dan it-taħriġ prattiku professjonali li jsir fi Stat Membru ieħor”.

- 4 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat “Effetti tar-rikonoxximent”, jiddisponi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li “[i]r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali mill-Istat Membru ospitanti għandu jippermetti lill-benefiċjarji sabiex, f'dak l-Istat Membru, jaċċedu għall-istess professjoni bħal dik li huma kkwalfikati għaliha fl-Istat Membru ta' orijini u sabiex jeżerċitaw din il-professjoni fl-Istat Membru ospitanti bl-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu”.

- 5 L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Kamp ta’ applikazzjoni” u li jaqa’ taħt il-Kapitolu I tagħha, dwar is-sistema ġenerali ta’ rikonossiment ta’ kwalifiki ta’ edukazzjoni u/jew taħriġ, jipprovdi, fil-punt (b) tiegħu:

“Dan il-Kapitolu japplika għall-professjonijiet kollha li ma jaqgħux taħt il-Kapitoli II u III ta’ dan it-Titolu fil-każijiet li ġejjin li fihom l-applikant, għal raġunijiet speċifiċi u eċċezzjonali, ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti f’dawk il-Kapitoli:

[...]

b) għal tobba b’taħriġ bażiku, tobba speċjalizzati, infermiera responsabbli għas-saħħa ġenerali, tobba dentisti, tobba dentisti speċjalizzati, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti, meta l-migrant ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta’ Prattika professjonali effettiva u legali msemmija fl-Artikoli 23, 27, 33, 37, 39, 43 u 49”.

- 6 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/36, intitolat “Kondizzjonijiet għar-rikonossiment”, jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

“Jekk l-aċċess għal professjoni regolata jew it-twertiq tagħha fi Stat Membru ospitanti jkunu kontinġenti fuq il-pussess ta’ kwalifiki professjonali speċifiċi, l-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat Membru għandha tippermetti lill-applikanti jkollhom aċċess għal dik il-professjoni u jwettquha, bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini ta’ dak l-Istat Membru, jekk għandhom attestazzjoni ta’ livell ta’ kompetenza jew prova ta’ kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 11, meħtieġa minn Stat Membru ieħor sabiex jiksbu aċċess għal dik il-professjoni jew għat-twertiq tagħha fit-territorju tiegħu”.

- 7 L-Artikolu 21, intitolat “Prinċipju ta’ rikonossiment awtomatiku”, li jidher fil-Kapitolu III tat-Titolu III ta’ din id-direttiva, li jirrigwarda r-“[r]ikonossiment abbażi ta’ kordinazzjoni ta’ kondizzjonijiet minimi ta’ taħriġ”, jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Kull Stat Membru għandu jirrikonossi bħala provi ta’ kwalifiki formali ta’ tabib li jagħti aċċess għal attivitajiet professjonali ta’ tabib b’taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala spiżjar u bħala perit, elenkati fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.6.2 u 5.7.1 rispettivament, dawk il-provi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta’ taħriġ imsemmija fl-Artikoli 24, 25, 31, 34, 35, 38, 44 u 46 rispettivament, u għandu, għall-finijiet ta’ aċċess għal u l-eżerċizzju ta’ attivitajiet professjonali, jagħti dawn il-provi l-istess effett fuq it-territorju tiegħu bħala provi ta’ kwalifiki formali li joħroġ huwa stess.

Din il-prova tal-kwalifiki formali għandha tinħareġ mill-korpi kompetenti fl-Istati Membri u tkun akkumpanjata, fejn xieraq, miċ-ċertifikati elenkati fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.6.2, u 5.7.1 rispettivament

[...]”

- 8 Il-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36, fir-rigward ta' kwalifiki ta' edukazzjoni u/jew taħriġ tal-ewwel grad fil-mediċina fir-Renju Unit, huwa fformulat kif ġej:

"Pajjiż	Prova ta' kwalifiki formali	Korp li jagħti l-kwalifiki	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifiki	Data ta' referenza
United Kingdom	Primary qualification	Competent examining body	Certificate of experience	20 ta' Diċembru 1976"

- 9 Skont l-Artikolu 55a ta' din id-direttiva, intitolat "Rikonoxximent tat-taħriġ prattiku professjonali":

"1. Jekk l-aċċess għal professjoni regolata fl-Istat Membru ta' oriġini jiddependi fuq it-tlestija ta' taħriġ prattiku professjonali, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha, meta tkun qed tikkunsidra rikjesta għal awtorizzazzjoni sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni regolata, tirrikonoxxi t-taħriġ prattiku mwettaq fi Stat Membru ieħor sakemm it-taħriġ prattiku huwa konformi mal-linji gwida ppubblikati msemmija fil-paragrafu 2, u għandha tiegħu inkunsiderazzjoni t-taħriġ prattiku mwettaq f'pajjiż terz. Madankollu, l-Istati membri jistgħu, fil-leġislazzjoni nazzjonali, jistabbilixxu limitu raġonevoli fuq it-tul ta' żmien ta' parti mit-taħriġ prattiku professjonali li jista' jitwettaq barra mill-pajjiż.

2. Ir-rikonoxximent ta' taħriġ prattiku professjonist ma għandux jissostitwixxi xi rekwiżiti fis-seħħ sabiex wieħed jgħaddi minn eżami ħalli jgawdi minn aċċess għall-professjoni inkwistjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipubblikaw linji gwida dwar l-organizzazzjoni u r-rikonoxximent ta' taħriġ prattiku professjonali mwettaq fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, b'mod partikolari dwar ir-rwol ta' superviżur tat-taħriġ prattiku professjonali".

### ***Id-dritt Finlandiż***

- 10 Bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6a tal-laki terveydenhuollon ammattihenkilöistä (559/1994, ammattihenkilölaki) (il-Liġi dwar il-Professjonisti tas-Saħħa (559/1994)), kif kienet fis-seħħ fid-data rilevanti fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-Valvira kien jagħti, fuq talba u fil-kundizzjonijiet li huwa jiddetermina, id-dritt li wieħed jeżerċita fil-Finlandja l-professjoni ta' tabib bħala professjonist awtorizzat għal dan il-għan, taħt id-direzzjoni u s-superviżjoni ta' professjonist awtorizzat jeżerċita din il-professjoni b'mod indipendenti, fi stabbiliment tas-saħħa, lil persuna li tkun bdiet studji fil-mediċina qabel l-1 ta' Jannar 2012 fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) li fih id-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni ta' tabib huwa suġġett, wara li wieħed ikun kiseb id-diploma, għat-tlestija ta' taħriġ professjonali u li wieħed ikun kiseb id-diploma li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina. Id-dritt li wieħed jeżerċita din il-professjoni jingħata għal perijodu ta' tliet snin.
- 11 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6a tal-Liġi dwar il-Professjonisti tas-Saħħa (559/1994), meta l-applikant ikun eżerċita l-attivitajiet ta' tabib matul il-perijodu previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6a ta' din il-liġi billi jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Valvira, huwa jagħti lill-applikant, fuq talba, id-dritt li jeżerċita l-professjoni ta' tabib fil-Finlandja b'mod indipendenti. Il-Valvira jista', għal raġuni ġġustifikata, jestendi l-perijodu ta' tliet snin previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6a diġà msemmi.

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

- 12 A bdiet l-istudji tagħha fil-mediċina matul is-sena 2008 fl-università ta' Edinburgh (ir-Renju Unit). Fis-6 ta' Lulju 2013, hija kisbet Bachelor of Medicine and Bachelor of Surgery, diploma li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina.
- 13 Id-diploma miksuba minn A tikkorrispondi għall-kwalifika ta' edukazzjoni u/jew taħriġ imsemmija, f'dak li jirrigwarda r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, fil-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36.
- 14 A kellha dritt ristrett li teżerċita l-professjoni ta' tabib fir-Renju Unit bis-saħħa tad-diploma tagħha li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina. Hija kienet irreġistrata fir-reġistru miżmum mill-awtorità tar-Renju Unit kompetenti f'dan il-qasam, jiġifieri l-General Medical Council (il-Kulleġġ Ġenerali tat-Tobba), taħt it-titolu "provisionally registered doctor with a licence to practise" (tabib irreġistrat b'mod provviżorju b'awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju). Hija kienet awtorizzata taħdem fil-kuntest ta' programm ta' wara d-diploma.
- 15 Wara li kisbet id-diploma tagħha li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina, A rritornat fil-Finlandja. Hija għalhekk talbet mingħand il-Valvira, abbażi tad-diploma tagħha miksuba fir-Renju Unit, id-dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib fil-Finlandja bħala professjonista awtorizzata. Madankollu, hija ma pproduċietx iċ-ċertifikat (Certificate of experience) li jakkumpanja l-kwalifika ta' edukazzjoni u/jew taħriġ imsemmija, f'dak li jirrigwarda r-Renju Unit, fil-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36, ċertifikat li jikkundizzjona, fir-Renju Unit, id-dritt li wieħed jeżerċita b'mod sħiħ il-professjoni ta' tabib.
- 16 Peress li A ma kellhiex dan iċ-ċertifikat, il-Valvira pproponielha li jkompli l-eżami tal-applikazzjoni tagħha għal awtorizzazzjoni bħala tabib taħt awtorizzazzjoni għal żmien determinat. A tat il-kunsens tagħha għal dan. Skont il-Valvira, sabiex tikseb id-dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib b'mod indipendenti fil-Finlandja, A kellha żewġ għażliet. Minn naħa, hija setgħet twestaq, matul perijodu ta' tliet snin, taħriġ professjonali fil-Finlandja skont il-linji gwida tar-Renju Unit u titlob ir-rikonoxximent ta' dan it-taħriġ, skont l-Artikolu 55a tad-Direttiva 2005/36, quddiem l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, sabiex tkun tista' titlob, imbagħad, fil-Finlandja d-dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabiba abbażi tas-sistema ta' rikonnoxximent awtomatiku prevista minn din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, hija setgħet issegwi, fil-Finlandja, it-taħriġ speċifiku fil-mediċina ġenerali matul perijodu ta' tliet snin. A għażlet it-tieni għażla, li ma twassalx, fl-Istati l-oħra tal-Unjoni jew taż-ŻEE, għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali ta' tabib, fis-sens tad-Direttiva 2005/36.
- 17 Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Novembru 2016, il-Valvira ta lil A d-dritt li teżerċita fil-Finlandja, għal perijodu ta' tliet snin mit-2 ta' Novembru 2016 sat-2 ta' Novembru 2019, il-professjoni ta' tabib bħala professjonista awtorizzata, taħt id-direzzjoni u s-supervizzjoni ta' tabib awtorizzat jeżerċita din il-professjoni b' mod indipendenti. Matul dan il-perijodu hija ġiet awtorizzata teżerċita l-professjoni ta' tabiba biss bil-kundizzjoni li hija ssegwi fil-Finlandja t-taħriġ speċifiku fil-mediċina ġenerali ta' tul ta' tliet snin.
- 18 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2017, il-Valvira ċaħad l-ilment imressaq minn A. Skont il-motivi ta' din id-deċiżjoni, A ngħatat id-dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib skont l-Artikolu 6a tal-Liġi dwar il-Professjonisti tas-Saħħa (559/1994) f'sitwazzjoni li fiha hija ma kellhiex iċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36.

- 19 Adita b'rikors għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni, il-Helsingin hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva ta' Helsinki, il-Finlandja) ċaħditu, permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2017, minħabba li, l-ewwel, rikonoxximent awtomatiku skont id-Direttiva 2005/36 ma kienx possibbli peress li A ma kinitx ipproduċiet iċ-ċertifikat imsemmi, f'dak li jirrigwarda r-Renju Unit, fil-punt 5.1.1 tal-Anness V ta' din id-direttiva, it-tieni, is-sistema ġenerali ta' rikonoxximent tal-kwalifiki ta' edukazzjoni u/jew taħriġ ma kinitx applikabbli iktar peress li A ma kinitx kisbet id-diploma li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina qabel id-data ta' riferiment iddefinita fl-imsemmi punt 5.1.1, jiġifieri l-20 ta' Diċembru 1976, u, it-tielet, A ma setgħetx tibbenefika fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni minn dritt li jkun iktar vantaġġuż minn dak mogħti fl-Istat Membru ta' oriġini. Għaldaqstant, il-Valvira kien iġġustifikat li jagħti lil A dritt ristrett li teżerċita l-professjoni ta' tabib, taħt id-direzzjoni u s-superviżjoni ta' tabib ieħor awtorizzat jeżerċita din il-professjoni b'mod indipendenti.
- 20 Quddiem il-Korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Finlandja), A ssostni li l-eżami tat-talba tagħha għar-rikonoxximent tad-diploma li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina miksub fi Stat Membru ieħor għandu jsir, fil-każ fejn il-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent awtomatiku ma jkunux sodisfatti, skont id-dispożizzjonijiet tas-sistema ġenerali ta' rikonoxximent prevista mid-Direttiva 2005/36. F'dan ir-rigward, il-Valvira jmissu għamel paragon individwali tad-diploma li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina li hija kisbet fir-Renju Unit mad-diploma Finlandiża li tiċċertifika tali kwalifika. Fil-fatt, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi li l-għoti ta' dritt awtonomu għall-eżerċizzju tal-professjoni jkun suġġett għal perijodu ta' superviżjoni ta' tliet snin, jekk ma tiġix ipprovata l-eżistenza ta' differenzi essenzjali mhux ikkumpensati meta mqabbla mar-rekwiżiti nazzjonali.
- 21 Fl-1 ta' Novembru 2019, A ngħatat mill-Valvira d-dritt li teżerċita fil-Finlandja l-professjoni ta' tabib b'mod indipendenti bħala professjonista awtorizzata. Madankollu, A ma rrinunzjatx għall-appell tagħha quddiem il-Korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema).
- 22 Din il-qorti tqis li l-Valvira ma kienx obligat, skont id-Direttiva 2005/36, li jwettaq paragon tad-diplomi li jiċċertifikaw il-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina kif maħruġa fil-Finlandja u fir-Renju Unit, peress li A ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet previsti mis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku applikabbli għall-professjoni ta' tabib u lanqas dawk previsti mis-sistema ġenerali ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Il-Korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema) tistaqsi, madankollu, jekk tali obbligu jistax jirriżulta mill-Artikoli 45 u 49 TFUE.
- 23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“Fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-Artikoli 45 jew 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti milli tagħti, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, lil persuna d-dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib għal perijodu limitat ta' tliet snin u suġġetta għar-restrizzjoni li dik il-persuna tista' tipprattika biss taħt

id-direzzjoni u s-superviżjoni ta' tabib awtorizzat u, fl-istess perijodu, għandha tikkompleta tliet snin ta' taħriġ speċjali fi prattika medika ġenerali sabiex tikseb awtorizzazzjoni sabiex teżerċita l-professjoni ta' tabib b'mod indipendenti fl-Istat Membru ospitanti, fid-dawl tal-fatt li:

- a) il-persuna tkun kisbet kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina fl-Istat Membru ta' oriġini iżda, meta applikat għar-rikonoxximent ta' dik il-kwalifika professjonali fl-Istat Membru ospitanti, hija ma kinitx kapaċi tipprovdi ċertifikat li juri t-tlestija ta' taħriġ professjonali ta' sena, li hija meħtieġa bħala kundizzjoni addizzjonali sabiex tinkiseb il-kwalifika professjonali fl-Istat Membru ta' oriġini;
- b) il-persuna ġiet offruta, fl-Istat Membru ospitanti, għall-finijiet tal-Artikolu 55a tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali, bħala alternattiva preferenzjali li hija rrifjutat, il-possibbiltà li twettaq fl-Istat Membru ospitanti, għal perijodu ta' tliet snin, stage professjonali li jikkorrispondi mal-linji gwida tal-Istat Membru ta' oriġini, sabiex tkun tista' tapplika għal rikonoxximent quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini sabiex tkun tista' tapplika mill-ġdid quddiem l-Istat Membru ospitanti għad-dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib permezz tas-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku msemmija fid-direttiva;
- c) l-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti huwa li jippromwovi s-sigurtà tal-pazjent u l-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa billi jiżgura li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jkollhom it-taħriġ meħtieġ għall-attività professjonali tagħhom, kwalifiki professjonali suffiċjenti oħra u ħiliet oħra meħtieġa għall-attività professjonali tagħhom?"

### ***Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari***

- 24 Kif ġie espost fil-punt 21 ta' din is-sentenza, A, minkejja li, sadanittant, kienet ġiet awtorizzata teżerċita fil-Finlandja l-professjoni ta' tabiba b'mod indipendenti, ma rrinunzjatx għall-appell tagħha quddiem il-Korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema), li tqis li s-soluzzjoni tal-kawża teħtieġ li tingħata risposta għal domanda li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.
- 25 Adita b'talba għal kjarifiki f'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li, skont ġurisprudenza nazzjonali stabbilita, appell ma jiġix miċħud minħabba inammissibbiltà għar-raġuni li, f'kawża, ma jkunx possibbli, minħabba l-mogħdija taż-żmien jew għal raġuni oħra, li tiġi annullata deċiżjoni ta' awtorità wara li l-illegalità ta' din id-deċiżjoni tkun ġiet ikkonstatata. Il-qorti tar-rinviju indikat, bħala eżempju, li jekk, f'kawża, tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni mitluba, il-Korkein hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva Suprema) tiddeċiedi fuq l-aggravji u b'hekk tiddeċiedi dwar l-illegalità eventwali tad-deċiżjoni inizjali kif ukoll dik tal-hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva). Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju indikat li, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà delittwali, il-kundanna għad-danni minħabba l-illegalità ta' deċiżjoni ta' awtorità teżiġi li l-illegalità tkun ġiet inizjalment ikkonstatata separatament permezz ta' deċiżjoni definitiva.
- 26 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qorti nazzjonali, li permezz tagħha tal-ewwel tagħti lil tat-tieni l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkunu neċessarji għaliha sabiex tiddeċiedi l-kawżi li jkunu tressqu quddiemha (ara

s-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, MA *et*, C-648/11, EU:C:2013:367, punt 36, kif ukoll id-digriet tal-1 ta' Settembru 2021, OKR (Rinviju preliminari ta' nutar), C-387/20, EU:C:2021:751, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 27 Id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex komputu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut mill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali ikun possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma jkollhiex x'taqsam mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex twieġeb b'mod effettiv għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, MA *et*, C-648/11, EU:C:2013:367, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 28 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju ppreċiżat, b'mod partikolari, li, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà delittwali, il-kundanna għad-danni minħabba l-illegalità ta' deċiżjoni ta' awtorità teżiġi li l-illegalità tkun ġiet inizjalment ikkonstatata separatament minn deċiżjoni definittiva.
- 29 Issa, sa fejn il-miżura jew l-azzjoni għad-danni ta' A tista' tirnexxi biss bil-kundizzjoni li l-illegalità tad-deċiżjoni amministrattiva, li tikkostitwixxi l-bażi ta' tali azzjoni, tkun ġiet inizjalment ikkonstatata separatament permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva, li l-kontenut tagħha jiddependi mir-risposta għad-domanda preliminari, din tal-aħħar tibqa', fi kwalunkwe każ, rilevanti għas-salvagwardja, jekk ikun il-każ, tad-drittijiet ta' A fir-rigward tal-awtorità nazzjonali li adottat l-imsemmija deċiżjoni amministrattiva.
- 30 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

### ***Rimarki preliminari***

- 31 Għandu jiġi rrilevat li l-fatti rilevanti f'din il-kawża seħħew meta d-dritt tal-Unjoni kien għadu japplika għar-Renju Unit. Għaldaqstant, l-Artikoli 45 u 49 TFUE kif ukoll id-Direttiva 2005/36 jistgħu jiġu applikati f'dan il-każ.

### ***Fuq id-domanda preliminari***

- 32 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 45 u 49 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tagħti lil persuna, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib li jkun limitat għal perijodu ta' tliet snin u li jkun suġġett għall-kundizzjoni doppja, minn naħa, li l-persuna kkonċernata tissuġġetta ruħha fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha għad-direzzjoni u għas-superviżjoni ta' tabib awtorizzat, u, min-naħa l-oħra, fl-istess perijodu, ikollha tikkompleta, b'suċċess, tliet snin ta' taħriġ speċjali fi prattika medika ġenerali sabiex tikseb awtorizzazzjoni biex teżerċita l-professjoni ta' tabib b'mod indipendenti fl-Istat Membru ospitanti, fid-dawl tal-fatt li l-persuna kkonċernata, li tkun kisbet kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina fl-Istat Membru ta' oriġini, ikollha l-kwalifika ta' edukazzjoni u/jew taħriġ, f'dak li jirrigwarda r-Renju Unit, imsemmija fil-punt 5.1.1



- tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36, iżda mhux ċertifikat li juri t-tlestija ta' taħriġ professjonali ta' sena li huwa meħtieġ bħala kundizzjoni addizzjonali sabiex jinkisbu l-kwalifiki professjonali fl-Istat Membru ta' oriġini.
- 33 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, bis-saħħa tal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2005/36, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala kwalifiki ta' edukazzjoni u/jew taħriġ ta' tabib, li jagħtu aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'edukazzjoni u/jew taħriġ tal-ewwel grad, imsemmija fil-punt 5.1.1 tal-Anness V ta' din id-direttiva, billi jagħtihom, f'dak li jikkonċerna l-aċċess għall-attivitajiet professjonali u għall-eżerċizzju tagħhom, l-istess effett fit-territorju tiegħu bħall-kwalifiki ta' edukazzjoni u/jew taħriġ li huwa jagħti.
- 34 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà speċifikat li, f'dak li jikkonċerna l-għan tad-Direttiva 2005/36, mill-Artikoli 1 u 4 tagħha jirriżulta li l-għan essenzjali tar-rikonoxximent reċiproku huwa li persuna li jkollha kwalifika professjonali li tagħtiha aċċess għal professjoni rregolata fl-Istat Membru tal-oriġini tagħha tkun tista' taċċedi, fl-Istat Membru ospitanti, għall-istess professjoni bħal dik li din tkun ikkwalifikata għaliha fl-Istat Membru tal-oriġini u li teżerċitaha hemmhekk taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini (sentenza tat-8 ta' Lulju 2021, Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija, C-166/20, EU:C:2021:554, punt 25).
- 35 Huwa paċifiku li peress li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma għandhiex iċ-ċertifikat ("Certificate of experience") imsemmi fil-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36, hija ma hijiex awtorizzata teżerċita b'mod sħiħ fir-Renju Unit il-professjoni rregolata ta' tabib b'edukazzjoni u/jew taħriġ tal-ewwel grad u hija ma tistax, għaldaqstant, tibbenefika mis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku prevista fl-Artikolu 21 ta' din id-direttiva. Fil-fatt, l-applikazzjoni ta' din is-sistema tippreżupponi li l-applikant ikollu l-edukazzjoni u/jew it-taħriġ li jikkwalifikawh fl-Istat Membru ta' oriġini sabiex jeżerċita tali professjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2021, Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija, C-166/20, EU:C:2021:554, punti 26 u 27).
- 36 Fir-rigward tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2005/36, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ġenerali ta' rikonoxximent ta' kwalifiki ta' edukazzjoni u/jew taħriġ prevista fil-Kapitolu I tat-Titolu III ta' din id-direttiva, ma jistax, skont il-punt (b) tiegħu, jiġi impost fuq l-Istat Membru ospitanti, sakemm ma jiksirx l-għan tal-imsemmija direttiva kif imfakkar fil-punt 34 ta' din is-sentenza, li huwa jeżamina kwalifiki ta' edukazzjoni u/jew taħriġ miżmuma minn applikant li ma jkollux il-kwalifiki neċessarji għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' tabib li jkollu edukazzjoni u/jew taħriġ tal-ewwel grad fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2021, Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija, C-166/20, EU:C:2021:554, punti 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 37 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-direttivi dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, u b'mod partikolari d-Direttiva 2005/36, ma għandhomx bħala għan u ma jistax ikollhom l-effett li jirrendu iktar diffiċli r-rikonoxximent tad-diplomi, taċ-ċertifikati u ta' kwalifiki oħra fis-sitwazzjonijiet mhux koperti minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2021, Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija, C-166/20, EU:C:2021:554, punti 36 u 37).
- 38 Għaldaqstant, f'sitwazzjoni li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36, iżda li taqa' taħt l-Artikolu 45 TFUE jew l-Artikolu 49 TFUE, l-awtoritajiet ta' Stat Membru, aditi minn ċittadin tal-Unjoni b'talba għal awtorizzazzjoni sabiex jeżerċita professjoni li l-aċċess għaliha jkun, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, suġġett għall-pussess ta' diploma jew ta' kwalifika professjonali,

jew anki għal perijodi ta' esperjenza prattika, huma obbligati li jieħdu inkunsiderazzjoni d-diplomi, iċ-ċertifikati u kwalifiki oħra, kif ukoll l-esperjenza rilevanti tal-persuna kkonċernata, billi jwettqu paragun bejn, minn naħa, il-kompetenzi ċertifikati minn dawn il-kwalifiki u minn din l-esperjenza u, min-naħa l-oħra, il-konnoxxenzi u l-kwalifiki mitluba mil-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2021, Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija, C-166/20, EU:C:2021:554, punti 34 u 38).

- 39 F'dan il-każ, għandu jifakkar li A, li mill-proċess nazzjonali jirriżulta li hija ċittadina Finlandiża, tuża, fil-Finlandja, diploma universitarja li hija kisbet fi Stat Membru ieħor.
- 40 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-moviment liberu tal-persuni ma jintlaħaqx kompletament jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrifjutaw il-benefiċċju tal-Artikoli 45 u 49 TFUE lil dawk iċ-ċittadini tagħhom stess li jkunu użaw il-faċilitajiet previsti mid-dritt tal-Unjoni u li jkunu kisbu, favur dawn tal-aħħar, kwalifiki professjonali fi Stat Membru differenti minn dak li tiegħu ikollhom iċ-ċittadinanza. Din il-kunsiderazzjoni tapplika wkoll meta ċittadin ta' Stat Membru jkun irrisjeda u kiseb fi Stat Membru ieħor kwalifika universitarja li jkun bi ħsiebu jagħmel użu minnha fl-Istat Membru li tiegħu jkollu iċ-ċittadinanza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard, C-298/14, EU:C:2015:652, punti 27 sa 29).
- 41 Minn dan isegwi li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36, iżda li taqa' taħt l-Artikolu 45 TFUE jew l-Artikolu 49 TFUE, l-Istat Membru ospitanti kkonċernat għandu josserva l-obbligi tiegħu fil-qasam tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, kif imfakkra fil-punt 38 ta' din is-sentenza.
- 42 Din il-proċedura ta' eżami komparattiv għandha tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti li jivverifikaw oġġettivament jekk id-diploma barranija tiċċertifikax, fir-rigward tal-persuna li jkollha dan il-grad, konnoxxenza u kwalifiki, li jekk mhux identiċi, ikunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk iċċertifikati permezz tad-diploma nazzjonali. Din l-evalwazzjoni ta' ekwivalenza ta' diploma barranija għandha ssir esklużivament billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-livell ta' konnoxxenzi u ta' kwalifiki li din id-diploma tippermetti li jiġi preżunt, fid-dawl tan-natura u tat-tul tal-istudji u tal-formazzjoni prattika marbuta magħhom, fir-rigward tad-detentur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard, C-298/14, EU:C:2015:652, punti 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 43 Jekk dan l-eżami komparattiv tad-diplomi jwassal għall-konstatazzjoni li l-konnoxxenzi u l-kwalifiki ċertifikati mid-diploma barranija jikkorrispondu għal dawk meħtieġa mid-dispożizzjonijiet nazzjonali, l-Istat Membru għandu l-obbligu li jaċċetta li din id-diploma tissodisfa l-kundizzjonijiet imposti minnhom (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard, C-298/14, EU:C:2015:652, punti 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 44 Għall-kuntarju, jekk l-imsemmi eżami komparattiv juri differenzi sostanzjali bejn l-edukazzjoni u/jew it-taħriġ segwit mill-applikant u l-edukazzjoni u/jew it-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu miżuri kumpensatorji sabiex ipattu għal dawn id-differenzi (sentenza tat-8 ta' Lulju 2021, Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija, C-166/20, EU:C:2021:554, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 45 Madankollu, il-miżuri meħuda fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali ta' dan id-dritt, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, il-miżuri kumpensatorji għandhom jiġu limitati għall-każijiet fejn ikunu proporzjonati għall-għan li jkun jrid jintlaħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, *Vandorou et*, C-422/09, C-425/09 u C-426/09, EU:C:2010:732, punt 65).
- 46 Qabel ma jimponu miżuri kumpensatorji intiżi li jkopru d-differenzi eżistenti bejn l-edukazzjoni u/jew it-taħriġ mogħti fl-Istat Membru tal-orġini u dawk mogħtija fl-Istat Membru ospitanti tal-applikant, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom l-obbligu li jevalwaw jekk il-konnoxxenzi miksuba mill-applikant jkunux jistgħu jservu sabiex jiġi stabbilit il-pussess tal-konnoxxenzi meħtieġa minn dan l-aħħar Stat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, *Vandorou et.*, C-422/09, C-425/09 u C-426/09, EU:C:2010:732, punt 67).
- 47 Issa, leġislazzjoni nazzjonali li timponi b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni l-istess miżuri kumpensatorji fuq id-detenturi kollha ta' diploma li tiċċertifika l-kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina miskuba, b'mod partikolari, fi Stat Membru tal-Unjoni li fih id-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni ta' tabib tkun suġġetta, wara l-kisba tal-imsemmija diploma, għat-tlestija ta' taħriġ professjonali, ma tidhirx li taqbel la mar-rekwiżit ta' paragun effettiv bejn, minn naħa, il-kompetenzi ċertifikati mill-kwalifika jew kwalifiki tal-persuna kkonċernata u, min-naħa l-oħra, il-konnoxxenzi u l-kwalifiki meħtieġa mill-leġislazzjoni tal-Istat Membru ospitanti, u lanqas mal-prinċipju ta' proporzjonalità.
- 48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 45 u 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tagħti lil persuna, abbażi tal-leġislazzjoni nazzjonali, dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib li jkun limitat għal perijodu ta' tliet snin u li jkun suġġett għall-kundizzjoni doppja, minn naħa, li l-persuna kkonċernata tissuġġetta ruħha fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha għad-direzzjoni u għas-supervizzjoni ta' tabib awtorizzat, u, min-naħa l-oħra, fl-istess perijodu, ikollha tikkompleta, b'suċċess, tliet snin ta' taħriġ speċjali fi Prattika medika ġenerali sabiex awtorizzazzjoni sabiex teżerċita l-professjoni ta' tabib b'mod indipendenti fl-Istat Membru ospitanti, fid-dawl tal-fatt li l-persuna kkonċernata, li tkun kisbet kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina fl-Istat Membru ta' orġini, ikollha l-kwalifika ta' edukazzjoni u/jew taħriġ, f'dak li jirrigwarda r-Renju Unit, imsemmija fil-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36, iżda mhux ċertifikat li juri t-tlestija ta' taħriġ professjonali ta' sena li hija meħtieġa bħala kundizzjoni addizzjonali sabiex jinkisbu l-kwalifiki professjonali fl-Istat Membru ta' orġini.

### **Fuq l-ispejjeż**

- 49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 45 u 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tagħti lil persuna, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, dritt li teżerċita l-professjoni ta' tabib li jkun limitat għal perijodu ta' tliet snin u li huwa suġġett għall-kundizzjoni doppja, minn naħa, li l-persuna kkonċernata tissuġġetta ruħha fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha għad-direzzjoni u għas-supervizzjoni ta' tabib awtorizzat, u, min-naħa l-oħra, fl-istess perijodu, ikollha tikkompleta, b'suċċess, tliet snin ta' taħriġ speċjali fi Prattika medika ġenerali sabiex tikseb awtorizzazzjoni biex teżerċita l-professjoni ta' tabib b'mod indipendenti fl-Istat Membru ospitanti, fid-dawl tal-fatt li l-persuna kkonċernata, li tkun kisbet kwalifika universitarja tal-ewwel grad fil-mediċina fl-Istat Membru ta' oriġini, ikollha l-kwalifika ta' edukazzjoni u/jew taħriġ, f'dak li jirrigwarda r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, imsemmija fil-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professionali, kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013, iżda mhux ċertifikat li juri t-tlestija ta' taħriġ professjonali ta' sena li hija meħtieġa bħala kundizzjoni addizzjonali sabiex jinkisbu l-kwalifiki professjonali fl-Istat Membru ta' oriġini.**

Firem